**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 25 ta' Frar, 2021**

Numru 1

**Rikors Nru. 108/2018**

**Raymond Mintoff**
**li skont il-legitimazzjoni tal-atti awtorizzata**
**fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2017,**
**gie sostitut mill-werrieta tieghu martu, Josephine Mintoff, u**
**wliedu Christopher Mintoff, Stephanie Mintoff u Marcelle Mintoff**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Bank of Valletta mid-decizjoni tal-arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji tat-12 ta' Settembru 2018 li fiha laqa t-talba tal-eredi ta' Raymond Mintoff sabiex jigu kumpensati l-ammont addizjonali ta' €0.25 oltre dak gia precepit minnhom peress illi t-Tribunal qies li l-bank qies b'mod zbaljat il-kuncett ta' 'experienced investor' fl-isfond tal-fatti relatati mill-ilmentatur u l-investiment li kellu mill-proveditur tas-servizz;

Rat li l-appellati ma ipprezentaw ebda risposta ghall-ilment;

Rat l-atti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Arbitru li tghid hekk:

Eccezzjonijiet Preliminari
Eccezzjonijiet dwar Gurisdizzjoni
Il-provditur tas-servizz qajjem tlett eccezzjonijiet dwar il-kompetenza fis-sens li l-Arbitru m'ghandux il-kompetenza taht il-ligi li jiddeciedi dwar kuntratt ta' tranzazzjoni bejn il-partijiet li saret res judicata liema kwistjoni tista' titqajjem biss quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'mod esklussiv; li ghalhekk l-ilment huwa wiehed frivolu u vessatorju ai termini tal-Artikolu 21(2)(c) tal-Kap. 555 u l-il-mentatur mhuwiex 'klijent eligibbli'.

L-Arbitru ser jittratta dawn it-tlett eccezzjonijiet flimkien.

L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji gie mwaqqaf permezz tal-Att XVI tal-2016 (Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta) li stabbilixxa l-kompetenza tieghu. Ghalhekk, ilkompetenza tal-Arbitru ma tiddependix fuq ir-rieda jew ix-xewqa tal-partijiet jew il-materja li dwarha jigi mitlub jiddeciedi, izda hija stabbilita fuq kriterji oggettivi li l-legizlatur deherlu li ghandu jistabbilixxi.

Skont il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta (Art. 21(1)(b) tal-Kap. 555), l-Arbitru ghandu l-kompetenza li "jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-Artikolu 19 (1) fir-rigward talimgiba ta' provditur tas-servizzi finanzjarji." M'hemm l-ebda kwalifika dwar ilmaterja tal-ilment u l-Arbitru jista' jisma' kwalunkwe ilment imressaq minn klijent eligibbli kontra provditur tas-servizzi finanzjarji dejjem fil-limiti tal-istess Att.

Dan huwa imsahhah minn dak li hemm provdut fl-Artikolu 19 (1) fejn il-funzjoni primarja tal-Arbitru hija deskritta bhala dik li "jittratta lmenti mressqa minn klijenti eligibbli." L-istess, m'hemm l-ebda limitazzjoni xi jkun l-ilment imressaq sakemm jaqa' fil-parametri tal-istess Kap. 555.

Ghalhekk, it-test tal-kompetenza huwa li min iressaq l-ilment irid ikun "klijent eligibbli" u kontra min jitressaq l-ilment irid ikun "provditur tas-servizzi finanzjarji" skont id-definizzjoni tal-Kap. 555.

"Klijent eligibbli" huwa definit bhala: "klijent li jkun konsumatur ta' provditur tas-servizzi finanzjarji, jew li lilu l-provditur tas-servizzi finanzjarji jkun offra li jipprovdi xi servizz finanzjarju, jew li talab il-provdiment ta' xi servizz finanzjarju minn provditur tas-servizzi finanzjarji." (Kap. 555 Art. 2). L-istess artikolu jipprovdi li "'klijent' ghandu jinkludi, persuna fizika, inkluzi s-successuri taghha fit-titolu jew mikrointrapriza."

Il-ligi tistabbilixxi wkoll min hu provditur tas-servizzi finanzjarji:
"'provditur tas-servizzi finanzjarji' tfisser provditur tas-servizzi finanzjarji li jkun jew li jkun gie licenzjat jew awtorizzat xort'ohra mill-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta skont l-Att dwar l-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta jew kull ligi ohra tas-servizzi finanzjarji, inkluz izda mhux limitat ghal servizzi ta' investiment, ibbankjar, istituzzjonijiet finanzjarji, karti ta' kreditu, pensjonijiet u assigurazzjoni…" (Ibid.).

L-ilmentatur odjern huwa klijent eligibbli filwaqt li l-provditur tas-servizz huwa provditur tas-servizz skont id-definizzjoni tal-Kap. 555 fuq citat.

Ghalhekk, il-kompetenza tal-Arbitru tiskatta hekk kif jigu sodisfatti dawn irrekwiziti tal-ligi u, galadarba tiskatta din il-kompetenza, l-Arbitru mhuwiex ristrett biex jisma' ilment, tkun xi tkun il-materja u l-kwalita tieghu, basta jkun marbut ma' xi servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u moghti minn provditur ta' servizz li jaqa' taht id-definizzjoni tal-ligi.

Il-legizlatur bl-ebda mod ma illimita l-kompetenza tal-Arbitru hlief ghal dak li jipprovdi l-istess Att. Perezempju, l-Arbitru jista' jisma' kazi li jmorru lura sal-1 ta' Mejju 2004, (u mhux aktar), u "jista' jaghti rimedju pekunjarju ghal kull ilment sa massimu ta' €250,000."

Li kieku l-legizlatur ried jillimita l-kompetenza tal-Arbitru, fic-cirkostanzi li qed jghidu l-provdituri tas-servizz, allura, kieku kien jaghmel hekk, imma dan illegizlatur m'ghamlux.

Ghalhekk l-Arbitru qed jichad l-eccezzjonijiet dwar kompetenza u, galadarba gie deciz li l-ilmentatur huwa klijent eligibbli u jista' jressaq l-ilment, allura, m'hemm xejn frivolu u vessatorju fl-ilment tieghu u ser jikkonsidrah.

Issa l-Arbitru ser jittratta dak li qalu l-provdituri tas-servizzi finanzjarji li qed isostnu li l-kaz huwa wiehed maghluq ghaliex sehhet tranzazzjoni bejn ilpartijiet liema tranzazzjoni ghandha l-effett ta' res judicata bejn il-partijiet.

U, in sostenn ta' dan, il-provditur tas-servizz jaghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-Kodici Civili.

M'hemm l-ebda dubju li l-provditur tas-servizz kien qed joffri, (taht xi kwalita jew ohra), servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Il-provditur tas-servizz mhuwiex kumpanija ordinarja li dahlet f'xi kuntratt semplici ma' kontraent iehor, imma l-provditur tas-servizz huwa kumpanija li tahdem fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u hija soggetta ghal skrutinju akbar, anke minn regoli ad hoc, li japplikaw f'dak il-qasam, dejjem biex jigi protett l-investitur.

Dan gie enfasizzat mill-MFSA fir-rapport taghha tat-22 ta' Gunju 2012 (Report on the MFSA investigation into the sales practices by Bank of Valletta p.l.c. of the La Valette MultiManager Property Fund), fejn ghamlitha cara li l-BOV kien suggett ghall-guidelines applikabbli qabel l-2017 u l-Investment Services Rules minn Novembru 2007 .

M'hemm l-ebda dubbju lanqas li s-servizz jikkostitwixxi kuntratt bejn konsumatur u kummercjant u, ghalhekk, japplikaw ghal din ir-relazzjoni guridika kemm ligijiet, regoli u regolamenti prattici u professjonali stabbiliti u linji gwida minn awtoritajiet supervizjonali nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, u anke ligijiet u Direttivi [Kap. 555, Art 19(3 )(c)] li saru biex jaghtu protezzjoni lill-konsumatur.

Din ir-relazzjoni guridika li nholqot bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz m'hijiex wahda regolata esklussivament mill-Kodici Civili u fejn si tratta

relazzjoni bejn konsumatur u kummercjant, japplikaw il-provedimenti tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'din ir-relazzjoni meta jintuzaw espressjonijiet mhux gusti, il-provedimenti tal-Kap. 378 jipprevalu fuq il-Kodici Civili u l-Kodici tal-Kummerc [Kap. 378, Art. 47 (B)].

L-Arbitru dahal fil-fond fuq din il-kwistjoni fil-Kaz Nru. 028/2016 deciz minnu fit-23 ta' Frar 2018 (Dan il-kaz jinsab fuq il-link: https://financialarbiter.org.mt/en/About-Us/Documents/Decisions/2018/KAZ%20028-2016%20-%20CAE%20vs%20Bank%20of%20Valletta%20p.l.c.%20et.pdf), u semma r-ragunijiet ghalfejn ma sehhetx tranzazzjoni bejn il-provdituri tas-servizz u l-konsumatur.

L-Arbitru spjega li anke skont decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, il-kuncett talpacta sunt servanda f'dawn il-kazi fejn si tratta kuntratt bejn konsumatur u kummercjant kellu l-limitazzjonijiet tieghu. Spjega wkoll kif l-Offerta u l-kuntratt ta' Accettazzjoni saru f'cirkostanzi fejn il-konsumatur ma kellux wisq ghazla hlief li jaccetta din l-Offerta u l-klawsoli tal-Offerta fil-bidu taghha, u l-klawsoli 2.9 u 3 (a) tal-istess Offerta, kif ukoll kull fejn hemm li l-ilmentaturi kienu qed icedu d-drittijiet litigjuzi taghhom, jew li b'xi mod kienu qed icedu kwalunkwe drittijiet li kellhom, ghandhom jitqiesu klawsoli ingusti u pprojbiti u jitqiesu daqslikieku qatt ma ddahhlu.

Galadarba dawn il-klawsoli tqiesu li m'ghandhom l-ebda effett, ghalhekk jitqies li ma sehhet l-ebda tranzazzjoni bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz li teskludi lill-Arbitru milli jindaga l-mertu tal-kaz.

Peress li l-Arbitru dahal fil-fond fuq din il-kwistjoni, a skans ta' repetizzjoni u sabiex jittratta l-ilment kemm jista' jkun b'mod 'ekonomiku u mhaffef' [Kap. 555, Art 19(3)(d)], qieghed jaghmel referenza ghal dak li gie deciz minnu fil-Kaz Nru. 028/2016 fit-23 ta' Frar 2018, u r-ragunijiet u l-motivazzjoni li ta f'dak il-kaz f'dan ir-rigward, ghandhom jghoddu wkoll ghal dan il-kaz.

Ghalhekk l-Arbitru qed jichad dawn l-eccezzjonijiet.

Eccezzjoni li l-BOV m'huwiex il-Legittimu Kontradittur

Dwar l-eccezzjoni li l-BOV mhuwiex il-legittimu kontradittur, l-Arbitru m'ghandux ghalfejn jidhol wisq fil-fond ta' din l-eccezzjoni ghax jidher evidenti li kien il-BOV li biegh il-prodott lill-ilmentatur u l-ilmentatur huwa gustifikat li jaghmel l-ilment kontra min bieghlu l-prodott.

Il-provditur tas-servizz dahal f'obbligi kuntrattwali mal-ilmentatur u, ghalhekk, huwa evidenti li huwa l-legittimu kontradittur.

Eccezzjoni li l-Ilmentatur m'ghandux interess guridiku

Dwar l-interess guridiku tal-ilmentatur, l-Arbitru jhoss li jkun adegwat li jinghad li l-ilmentatur ghandu interess reali, attwali u personali u johrog minn vjolazzjoni ta' dritt. L-ilment li ghamel jista' jipproduci rizultat pekunjarju jew

vantagg ghalih u huwa guridiku u bbazat fuq dritt pretiz u, ghalhekk, ghandu interess guridiku. Barra minn hekk, galadarba huwa 'klijent eligibbli' skont il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa ghandu d-dritt iressaq l-ilment tieghu quddiem l-Arbitru.

Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni
Il-provditur tas-servizz qed jeccepixxi l-preskrizzjoni a bazi tal-Artikoli 1222 u 2153 tal-Kodici Civili.

Skont l-Artikolu 1222, kwalunkwe azzjoni li ghandha l-effett li tirrexxindi kuntratt hija preskritta bit-trapass ta' sentejn.

L-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 qed jigi invokat ghaliex skont il-provditur tas-servizz, it-talbiet tal-ilmentatur huma msejsa fuq allegazzjonijiet ta' responsabbilta extra contrattuale jew aquiliana u huma preskritti skont l-istess artikolu.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni ibbazata fuq l-Artikolu 1222(1) talKodici Civili, l-istess artikolu jistabbilixxi li:
"Meta l-ligi f'xi kaz partikolari ma tistabbilixxix zmien aqsar, l-azzjoni gharrexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn."

Jigifieri dan l-artikolu jghodd ghal meta min jiftah azzjoni, f'dan il-kaz ilment quddiem l-Arbitru, dik l-azzjoni tkun ibbazata fuq ir-rexxissjoni. L-ilmentatur mhux qed jitlob rexxissjoni tal-obbligazzjoni u, ghalhekk, mhuwiex il-kaz li jigi applikat l-Artikolu 1222 (1) tal-Kodici Civili.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra tal-preskrizzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 li jghid li:
"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bleghluq ta' sentejn."

Dwar din il-preskrizzjoni l-Arbitru jaghmel referenza ghal dak deciz fissentenza: Go p.l.c. vs Charles Dimech (PA, 28 ta' Lulju 2011), fejn il-Qorti qalet:
"Illi l-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 tal-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma 'ex delictu vel quasi'.

Meta d-danni huma 'ex contractu' ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn."

Barra minn hekk, kif intqal mill-Qorti tal-Appell fil-kawza Avv. Dr. Pio M. Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et deciza fis-7 t'Ottubru 2016:
"Il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni

kuntrattwali (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953 . VOl XXXVII.ii.622).”

Fil-kaz odjern, l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz kellhom relazzjoni kuntrattwali bejniethom meta l-Bank biegh dan il-prodott lill-ilmentatur.

Galadarba l-ilment johrog minn relazzjoni kuntrattwali, u din l-eccezzjoni hija bbazata fuq preskrizzjoni relatata ma’ azzjoni akwiljana, din l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni qieghda wkoll tigi michuda (Ara Roland Darmanin Kissaun et vs GlobalCapital Financial Management Ltd., PA, 1/06/2017 ).

Fil-Mertu

L-Arbitru jrid jiddeciedi dan il-kaz skont dak li fil-fehma tieghu huwa ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz [Kap. 555, Art 19(3 )(b)].

Il-Fatti tal-Kaz

L-Ilmentatur

Ghajr dak indikat fil-formola tal-ilment, minhabba li l-ilmentatur illum huwa mejjet, ma gie pprezentat l-ebda affidavit li jaghti dettalji ohra dwar l-ilment. L-unika informazzjoni ohra li giet provduta kien ic-certifikat tal-mewt flimkien ma’ informazzjoni dwar min huma l-eredi tal-ilmentatur.

l-Provditur tas-Servizz

Il-provditur tas-servizzipprezenta erba’ affidavits flimkien mad-dokumentazzjoni applikabbli, li huma kif gej:
Affidavit (A fol. 68) ta’ Avalon Abela – Head of Compliance & Regulatory Affairs mal-BOV Asset Management Limited (Skont ir-Registru tal-Kumpaniji, b’effett mit-22 ta’ Novembru 2016 “Valletta Fund Management Limited” saret tissejjah “BOV Asset Management Limited”).

Mal-affidavit gew annessi diversi dokumenti relatati mal-ilment, li huma, kopja tal-ittra (A fol. 7 0) datata 21 ta’ Jannar 2013 , li fiha l-provditur tas-servizz informa lillilmentatur bl-ezitu tal-verifika tal-fajl tieghu minn Marccus Partners and Mazars Group (‘Mazars’), peress li l-investiment sar permezz ta’ tliet tranzazzjonijiet, giet sottomessa kopja ta’ tlett Application Forms (A fol. 7 3 – 7 5; 7 8 – 80; 82 – 84) u tlett Experienced Investor Declaration Forms (A fol. 7 6, 81, 85), kopja ta’ Statement of Compliance (A fol. 7 7 ) u Execution Only Declaration (A fol. 7 2) fir-rigward tal-ewwel tranzazzjoni, kopja ta’ tliet Contract Notes (A fol. 86 – 88), flimkien ma’ prospett tal-holdings (A fol. 89 – 93 ) tal-ilmentatur u dawk li hu kellu flimkien ma’ martu, u prospett ta’ dividends (A fol. 94) li l-ilmentatur ircieva mil-LVMMPF.

Affidavit (A fol. 97 ) ta' Mario Mallia – Chief Executive Officer mal-Bank of Valletta p.l.c.

Fl-affidavit tieghu saret partikolarment referenza ghall-fatt li l-investimenti filproprjeta immobbli kienu gew affettwati b'mod negattiv kawza tal-krizi finanzjarja globali li hakmet is-swieq finanzjarji madwar id-dinja.

Barra minn hekk, hu sahaq fuq il-fatt li l-ilmentatur kien accetta l-Offerta tal-provditur tas-servizz (€0.7 5), liema Offerta kienet suggetta ghal diversi kundizzjonijiet, kif ukoll li l-provditur tas-servizz ghamel pagament ex gratia ulterjuri ta' €0.25 li kien anke suggett ghal diversi kundizzjonijiet.

Affidavit (A fol. 141) ta' Kenneth Farrugia – Chief Officer Business Development mal-Bank of Valletta p.l.c.

L-affidavit ta' Kenneth Farrugia huwa iktar iffokat fuq l-irwolijiet ta' SICAV, talVFM bhala Manager tal-Fond, tal-BOV bhala l-Kustodju tal-Fond, u l-LVMMPF innifsu. Fost dokumenti ohra, mal-affidavit ta' Kenneth Farrugia giet ipprezentata kopja tal-Prospett Supplimentari datat l-1 ta' Settembru 2005.

Affidavit (A fol. 27 0) ta' Peter Perotti – Chief Retail Banking Officer mal-Bank of Valletta p.l.c. u Direttur tal-La Valette Funds SICAV p.l.c.

L-affidavit tieghu enfasizza fuq is-sospensjoni tal-fidi tal-ishma fil-LVMMPF u x'wassal ghal din is-sospensjoni, filwaqt li elenka d-diversi komunikazzjonijiet li saru mal-investituri f'dan ir-rigward.

Ta' min jinnota li permezz tal-ebda wiehed mill-erba' affidavits prezentati, ilprovditur tas-servizz ma ghamel referenza partikolarment ghall-ilment imressaq mill-ilmentatur.

Apparti l-affidavit ta' Avalon Abela, it-tlett affidavits l-ohra kienu jinkludu stqarrijiet u dokumentazzjoni b'mod generali u mhux specifici ghall-ilment innifsu.

Konsiderazzjonijiet Ohra

L-Investment hekk kif mibjugh lill-Ilmentatur u Aspetti ohra L-investiment gie mibjugh lill-ilmentatur permezz ta' tliet tranzazzjonijiet, fi Frar 2006 (A fol. 87 ), f'Dicembru 2006 (A fol. 86), u f'Marzu 2007 (A fol. 88), fejn gie investit l-ammont totali ta' €3 7 ,3 50.2 1 ekwivalenti ghal 3 4,053 .942 ishma.

A bazi tal-Application Forms (A fol. 7 3 – 7 5; 7 8 – 80; 82 – 84) kompluta dak iz-zmien, irrizulta li fit-tlett okkazzjonijiet, l-ilmentatur ghazel li d-dhul minn dan il-Fond jigi trasferit filkont

bankarju li hu kellu mal-BOV stess. Fil-fatt, a bazi tal-lista tal-prospett taddividends ipprezentat mill-provditur tas-servizz, l-ilmentatur ircieva total ta' €1,87 3 .47
65 f'dividends mill-investiment tieghu fil-LVMMPF.

Mal-istess Application Forms gew ukoll kompluti tlett Experienced Investor Declaration Forms (A fol. 7 6, 81, 85), li hekk kif indikat fl-Appendix V tal-Prospett Supplimentari (Apparti dak datat l-1 ta' Settembru 2005, mahrug originarjament, il-Prospetti Supplimentari l-ohra applikabbli huma dawk datati 6 ta' Marzu 2006 u 19 ta' Dicembru 2006. Minhabba li dawn tal-ahhar ma jinkludu l-ebda tibdiliet f'dan il-kuntest, ser tkun qed issir referenza ghall-Prospett Supplimentari) datat l-1 ta' Settembru 2005, l-ebda applikazzjoni ghal dan linvestiment ma setghet tigi accettata sakemm din il-formola ma tkunx kompluta.

Sabiex investitur seta' jkun meqjus eligibbli li jinvesti fil-LVMMPF, kellu jissodisfa wahda minn tliet kriterji partikolari, li permezz taghhom jigi meqjus bhala experienced investor. Dawn il-kriterji huma elenkati fid-definizzjoni ta' experienced investor fil-Prospett Supplimentari, kemm f'Appendix V tal-istess Prospett, kif ukoll fl-Experienced Investor Declaration Form.

Fit-tlett okkazzjonijiet, l-Experienced Investor Declaration Form turi li ddikjarazzjoni iffirmata mill-ilmentatur kienet li hu experienced investor peress li fil-hames snin precedenti kienu saru tranzazzjonijiet ta' investiment li kienu jammontaw ghal tal-anqas is-somma ta' USD 50,000, jew l-ekwivalenti.

Dwar l-iffirmar tal-Experienced Investor Declaration Form mill-klijenti li xtraw dan il-Fond, l-Arbitru ra r-rapport tal-MFSA (Report on the MFSA investigation into the sales practices by Bank of Valletta p.l.c. of the La Valette Multi-Manager Property Fund – 22 June 2012) li kien sar biex l-MFSA tara xi prattici ta' bejgh (sales practices) kien uza l-Bank of Valletta biex biegh dan il-Fond. Qabel xejn, l-MFSA ghamlitha cara li dan il-Fond ma setax jinbiegh lil kulhadd:
"The features of the Fund including its risk factors are described in the prospectus of the Fund, made this eligible to be licensed as a professional investor fund which could be marketed only to investors who qualify as 'experienced investors', therefore, 'persons having the expertise, experience and knowledge to be in a position to make their own investment decisions and understand the risks involved' with regards to an investment in the Fund. Its features, including the relevant risks, made this an unsuitable product for unsophisticated retail investors or investors having a cautious risk profile. In fact, BOV's own asset allocation models for investors, when updated to include reference to the Fund in March 2006, did not recommed any exposure to the Fund for clients with a cautious risk profile." (Ibid., p.10, Bold tal-Arbitru).

Ghalhekk, il-fatt wahdu li l-investitur kien iffirma din l-Experienced Investor Declaration Form (Li kif ser jigi muri f'din id-decizjoni ma kinitx kompluta ghax ma kinitx konformi mal-Prospett Supplimentari), li minghajr l-iffirmar taghha l-Bank ma setax ibieghlu dan linvestiment, ma kienx ifisser li b'daqshekk l-investitur sar verament investitur ta' esperjenza. Din il-formola, standard form, inghatat mill-Bank lil kull min deherlu li seta' jbieghlu dan il-Fond, li inbiegh fuq

skala kbira hafna lil eluf ta' klijenti. Dan il-hsieb huwa wkoll dak li ddecidiet l-MFSA fir-rapport taghha 'il fuq imsemmi:
"Further to an exercise carried out by the Authority to verify inter alia the nature of the investors, it was determined that by reference to the nature of their profession/occupation, various advisory clients reviewed would be regarded as unsophisticated investors. Many investors were only regarded as experienced investors due to their self-declaration that they had carried out investment transactions amounting to at least a sum of, or equivalent to, USD50,000. In this regard, the records of BOV provided to the MFSA in relation to these investors indicate that in various instances, BOV advisors did not take reasonable steps to ensure that the said investors were indeed experienced investors before advising them to invest in the Fund, and that the Fund was suitable for these clients." (Ibid., Bold u Italics tal-Arbitru).

Mela ghall-MFSA, il-fatt li l-klijenti nghataw l-Experienced Investor Declaration Form biex jiffirmawha ma kienx bizzejjed u ried ikun hemm certu responsabbilta fuq il-provditur tas-servizz. L-Experienced Investor Declaration Form waheda iffirmata mill-klijent ma kinitx bizzejjed.

L-Arbitru jaqbel ma' dan kif ukoll ma' dak deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Evelyn Farrugia et vs GlobalCapital Financial Management Ltd, 11/07 /2016) fejn iddecidiet li bl-iffirmar wahdu ta' dokumenti f'kaz ta' bejgh ta' servizz finanzjarju ma kienx jeskolpa lill-provditur tas-servizz jekk wiehed ma kienx konsapevoli ta' dak li qed jiffirma.

F'dan il-qasam, fejn ghandek espert fuq naha u konsumatur zghir fuq in-naha lohra, il-provditur tas-servizz ghandu r-reponsabbilta li jara li l-klijent kellux 'the expertise, experience and knowledge' li jifhem ir-riskji marbuta ma' dak il-prodott, u mhux sempliciment jitolbu jiffirma dokumenti biex jaghmluh, ghal skop regolatorju, addattat ghal dak il-prodott.

Ghalhekk, l-Arbitru jrid jara jekk verament l-ilmentatur kellux dik l-expertise, esperjenza u t-taghrif biex jinvesti f'dan il-Fond, u jekk giex iddikjarat 'experienced investor' ghaliex sempliciment gie moghti l-Experienced Investor Declaration Form biex jiffirmaha. Dan l-Arbitru jrid jaghmlu skont il-provi migjuba quddiemu mill-partijiet.

Barra minn hekk, dokument iehor prezentat mill-provditur tas-servizz jindika li l-ewwel tranzazzjoni tal-investiment fil-LVMMPF sar fuq bazi 'Execution Only' peress li giet prezentata Execution Only Declaration (A fol. 7 2), filwaqt li fl-iStatement of Compliance (A fol. 7 7 ), li hu anke iffirmat mill-ilmentatur innifsu, hemm indikat:
"I/We have not received any investment advice from the Bank's representative and I/we am/are solely responsible for my/our investment decision."

Experienced Investor u l-Experienced Investor Declaration Form
A bazi tal-kontenut tal-Prospett Supplimentari, l-ebda applikazzjoni ghal dan linvestiment ma setghet tigi accettata sakemm l-Experienced Investor Declaration Form ma tkunx kompluta. Fil-fatt, is-sezzjoni Buying, Selling and Switching tal-istess Prospett, tindika bic-car u b'mod enfasizzat li:

"No applications for investment will be accepted unless an Experienced Investor Declaration Form as set out in Appendix V accompanies it."

L-istess sezzjoni tindika ukoll:
"Investment in the Fund is only suitable for investors who meet the Experienced Investor criteria as defined under the section 'Definitions'."

Taht is-sezzjoni Definitions fil-Prospett Supplimentari, Experienced Investor hija definita hekk kif gej:
"Experienced investors are considered as persons having the expertise, experience and knowledge to be in a position to make their own investment decisions and understand the risks involved. An investor must state the basis on which he/she satisfies this definition, either by confirming that he/she is:
1. A person who has worked in the financial services sector for at least one year in a professional position, or,
2. A person who has been active, for at least one year in a professional position, in the acquisition and/or disposal of real estate property funds and/or in securities linked to real estate property, or,
3 . A person who within the past 5 years, carried out investment transactions amounting to at least a sum of or equivalent to USD 50,000.

In case of joint Applicants, the Applicants must have either:
(i) Carried out separately, within the past 5 years, investment transactions amounting to at least a sum of or equivalent to USD 50,000, in which case each joint holder has to meet, individually, the Experienced Investor criteria, or
(ii) Carried out jointly, within the past 5 years, investment transactions amounting to at least a sum of or equivalent to USD 50,000 in which case provided that they are the same joint holders, the Experienced Investor criteria may be met jointly."

Izda jekk, imbaghad, tinghata harsa lejn l-Experienced Investor Declaration Forms (A fol. 7 6, 81 u 85) li l-ilmentatur gie pprezentat biex jiffirma, wiehed isib li hemm aspett materjali li huwa nieqes u jidher li anke fil-prattika gie injorat jew ma nghatax l-attenzjoni dovuta meta nbiegh l-istess Fond.

Dan l-aspett huwa, fil-fatt, l-istqarrija tal-bidu nett tad-definizzjoni ta' Experienced Investor minn fuq xiex il-paragrafi sussegwenti huma msejsa.

Il-formola, fil-fatt, tiddeskrivi biss it-tliet kriterji fuq liema bazi l-investitur jissodisfa d-definizzjoni ta' Experienced Investor, izda ma tispecifikax u ma tinkludix b'dettall u prominenza l-paragrafu principali u inizjali li minnu titlaq u tizvolgi l-istess definizzjoni hekk kif, fil-fatt, deskritta b'mod komplut fissezzjoni 'Definitions' fil-Prospett Supplimentari (A fol. 148).

Fil-fatt, id-definizzjoni (Ibid.) fil-Prospett Supplimentari ghandha klawsola inizjali krucjali li tghid:
"Experienced investors are considered as persons having the expertise, experience and knowledge to be in a position to make their own investment decisions and understand the risks involved."

Din l-istess klaswola principali ma gietx specifikata u mnizzla fl-Experienced Investor Declaration Form ipprezentata lill-ilmentatur, hekk kif imsemmi hawn fuq, izda l-enfasi fil-formola saret biss fuq il-paragrafi sussegwenti tad-definizzjoni. Lanqas giet ipprovduta xi evidenza li dan l-aspett seta' kien spjegat jew diskuss qabel l-investiment.

Fir-rapport taghha tat-22 ta' Gunju 2012, dwar 'sales practices' tal-BOV in konnessjoni ma' dan il-Fond, l-MFSA ukoll tat importanza lil din il-parti taddefinizzjoni ta' 'experienced investor':
'The features of the Fund including its risk factors as contained in the prospectus of the Fund, made this eligible to be licensed as a professional investor fund which could be marketed only to investors who qualify as 'experienced investors', therefore, 'persons having the expertise, experience and knowledge to be in a position to make their own investment decisions and understand the risks involved' with regard to the investment in the Fund.' (Report by the MFSA investigation into the sales practices …etc p.10 Bold tal-Arbitru).

Izda, kull kaz ghandu jitqies fuq il-fatti u merti partikolari tieghu u, ghalhekk, l-Arbitru jrid jara jekk f'dan il-kaz l-ilmentatur kienx, fil-fatt, 'experienced investor'.

L-Eligibilita tal-Ilmentatur bhala Experienced Investor
Kemm meta ghamel l-ewwel tranzazzjoni fil-LVMMPF fi Frar 2006, kif ukoll meta rega' investa f'Dicembru tal-istess sena u f'Marzu tas-sena ta' wara, lil-mentatur kien mitlub jiffirma formola ta' applikazzjoni li kienet tinkludi l-Experienced Investor Declaration Form. Fit-tliet okkazjonijiet, l-ilmentatur iffirma li kien eligibbli taht it-tielet kriterju, cio, li fil-hames snin precedenti ghamel tranzazzjonijiet ta' investiment li jammontaw ghal mill-inqas is-somma, jew ekwivalenti, ghal USD50,000.

Il-provditur tas-servizz ipprezenta lista ta' tranzazzjonijiet (A fol. 89 – 93 ) ta' investiment li saru matul il-perjodu 1997 u 2014 mal-VFM. Din il-lista tinkludi kemm tranzazzjonijiet li saru mill-ilmentatur f'ismu, kif ukoll tranzazzjonijiet li saru b'mod kongunt u anke minn mart l-ilmentatur f'isimha biss.

Ir-rapport ta' Mazars, jindika li:
"GVTH advocates have provided advice to Mazars as to: (a) Whether individual investors can be categorised as experienced investors by virtue of previous jointly held investments. GVTH advised that an individual investor could not rely on previous jointly held investments to show that he/she was an experienced investor; …" (Directive issued by the Malta Financial Services Authority to Bank of Valletta – Independent Expert's Report 21 January 2013 p. 16).

Ghaldaqstant, ghall-fini biex jigi analizzat jekk l-ilmentatur kienx jilhaq il-kriterji li ffirma ghalihom, it-tranzazzjonijiet li saru b'mod kongunt mhux ser jigu ikkonsidrati. Ghalkemm din il-lista tindika li l-ilmentatur ghamel diversi tranzazzjonijiet f'numru ta' fondi ta' investiment tal-VFM b'mod kongunt, wiehed jinnota li l-unici investimenti li saru f'isem l-ilmentatur wahdu, kienu biss

it-tliet tranzazzjonijiet li hu ghamel fil-LVMMPF, li certament ifisser li l-kriterju ta' USD50,000, imsemmi fid-definizzjoni ta' experienced investor u li ghalih l-il-mentatur kien iffirma fuq l-Experienced Investor Declaration Form, ma ntlahaqx.

Konkluzjoni
a) A bazi tal-prospett tal-holdings sottomess mill-provditur tas-servizz mal-affidavit ta' Avalon Abela, jirrizulta li l-ilmentatur ma kienx jissodisfa l-kriterju tal-USD50,000, hekk kif indikat ampjament aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.

Il-prospett tal-holdings jindika diversi tranzazzjonijiet li l-ilmentatur kellu b'mod kongunt izda, minhabba li kienu Mazars stess li ddikjaraw li meta l-investiment fil-LVMMPF kien sar f'isem investitur wiehed biss, m'ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni tranzazzjonijiet li l-istess investitur kien ghamel b'mod kongunt ghall-fini ta' experienced investor, dawn ma gewx ikkonsidrati. Peress li dan l-istess prospett jindika li ttranzazzjonijiet li l-ilmentatur kellu f'ismu kienu biss it-tliet tranzazzjonijiet fil-LVMMPF, l-ilmentatur ma kienx eligibbli li jinvesti f'dan il-Fond ghax ma kienx jilhaq it-tielet kriterju ta' experienced investor, hekk kif indikat fl-Experienced Investor Declaration Forms.

Ghaldaqstant, il-provditur tas-servizz li kklassifika jew laqa' il-klassifika tal-il-mentatur bhala 'Experienced Investor' fi tlett okkazzjonijiet, u f'dan il-kaz jallega li l-ilmentatur kien tali, l-istess provditur naqas milli jgib provi f'dan ir-rigward li jiggustifikaw il-klassifikazzjoni tal-ilmentatur bhala experienced investor skont il-kriterji stabbiliti u li fuqhom imxew il-Mazars.

b) Barra minn hekk, l-Experienced Investor Declaration Form, tiddeskrivi biss it-tliet kriterji fuq liema bazi l-investitur jissodisfa d-definizzjoni ta' Experienced Investor, izda ma tispecifikax u ma tinkludix b'dettall u prominenza l-paragrafu principali u inizjali li minnu titlaq u tizvolgi l-istess definizzjoni hekk kif, fil-fatt, deskritta b'mod komplut fis-sezzjoni 'Definitions' tal-Prospett Supplimentari.

Dan l-aspett materjali huwa nieqes u jidher li anke fil-prattika gie injorat jew ma nghatax l-attenzjoni dovuta meta nbiegh l-istess Fond ghall-iskop tal-eligibilita ta' investitur bhala experienced investor.

Huwa, allura, ikkonsidrat li meta l-ilmentatur kien qed jiffirma l-Experienced Investor Declaration Forms hekk kif pprezentati lilu, l-ilmentatur ma giex infurmat b'mod car u inekwivoku li permezz tal-firma tieghu kien qed jiddikjara li huwa ghandu 'expertise, experience and knowledge' li jista' jifhem ir-riskji involuti u, ghalhekk, jista' jiehu decizjonijiet dwar linvestiment wahdu. Il-provditur tas-servizz dghajjef id-definizzjoni ta' Experienced Investor meta wiehed jara kif ghazel li japplika fil-prattika leligibilita tal-investitur fil-kuntest ta' experienced investor fejn dan gie relattivament applikat b'mod superficjali jew mhux komplut.

c) Lanqas huwa ikkonsidrat gust u ragonevoli li l-provditur tas-servizz ipoggi lobbligu biss fuq l-ilmentatur biex dan jaghti provi li ma kienx experienced investor meta wiehed iqis diversi aspetti fosthom li:
i. l-provditur tas-servizz huwa soggett li jagixxi fl-ahjar interess tal-investitur hekk kif specifikat fil-kundizzjonijiet standard tal-licenzja tal-Parti C(i) tal-

Investment Services Guidelines li kienu japplikaw fiz-zmien tal-investiment tal-ilmentatur fil-LVMMPF, fejn kundizzjoni 3 .02 tispecifika li:
"The Licence Holder shall act honestly, fairly, and with integrity – in the best interests of its customers and of the market",
filwaqt li kundizzjoni standard 3 .03 tipprovdi li:
"The Licence Holder shall act with due skill, care and diligence – and in the best interests of its customers and of the market.";
ii. Huwa meqjus li l-provditur tas-servizz kellu jiehu certu mizuri ragonevoli biex jara li investitur jissodisfa b'mod konkret id-definizzjoni ta' Experienced Investor, u dan ghall-interess tal-klijenti tieghu stess; izjed u izjed fil-kuntest fejn il-provditur tas-servizz kien qieghed ibiegh prodott immanigjat u mahrug minn kumpanija affiljata mieghu stess (hekk kif johrog minn pagna 26 tal-Prospett Supplimentari tal-LVMMPF), u fejn wiehed huwa ghalhekk mistenni li jezercita izjed prudenza u diligenza fic-cirkostanzi.

d) Finalment, hekk kif diga imsemmi, il-provditur tas-servizz kellu l-obbligu li jagixxi "with due skill, care and diligence" u fl-ahjar interess tal-ilmentatur hekk kif rikjest minn Standard Licence Condition 3 .03 Investment Services Guidelines.

Il-provditur tas-servizz ma gabx evidenza konvincenti u sufficjenti li dan l-obbligu intlahaq, hekk kif ragonevolment mistenni fir-rigward tal-ilmentatur, u dan meta wiehed jikkonsidra d-diversi nuqqasijiet ampjament imsemmija hawn fuq min-naha tal-provditur tas-servizz, partikolarment meta wiehed isemmi l-fatt li dan sar fi tlett okkazzjonijiet separati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-ilment huwa wiehed ekwu, gust u ragonevoli u qed jigi milqugh sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.

It-talba li qed jaghmlu l-ilmentaturi hija biex jiehdu lura €0.25 fuq 3 3 ,661.40 ishma li jammonta ghal €8,415.3 5.

Izda, minkejja li t-talba qed issir ghal rifuzjoni tal-kumplament, jigifieri tal-€0.25, l-ammont ta' ishma kwotat fl-ilment ma jaqbilx ma' dak a bazi tal-kontenut tal-Contract Notes. Ghalkemm €0.25 fuq in-numru ta' ishma attwalment mixtrija hekk kif kwotat fuq il-Contract Notes jammonta ghal €8,513 .49, it-talba tal-ilmentaturi hija ghal €8,415.3 5.

Ghaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 26(3 )(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil Bank of Valletta p.l.c. ihallas lill-eredi tal-il-mentatur, cioe, lil Josephine Mintoff, Christopher Mintoff, Stephanie Mintoff u Marcelle Mintoff, is-somma ta' tmint elef, erba' mija u hmistax-il ewro u hamsa u tletin centezmu (€8,415.3 5).

Bl-imghax legali mid-data li fiha gie pprezentat dan l-ilment sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti:

1. L-Arbitru ghamel apprezzament zbaljat tal-ligi meta iddecieda (i) li ghandu l-kompetenza li jisma u jiddeciedi l-ilment meta dan kien transatt u ghalhekk usurpa l-kompetenza li tispetta lil Prim Awla; (ii) li ghandu kompetenza jiddeciedi kwistjonijiet li jaqghu fil-parametri tal-Kap. 3 7 8 meta dwar dawn il-vertenzi l-kompetenza hi vestita fit-Tribunal tal-Affarijiet ghal Konsumatur u l-Qrati Civili skont il-valuri; (iii) il-kompetenza tal-Arbitru hi regolata biss bil-Kap. 555 minghajr ebda konsiderazzjoni ghal ligijiet ohra;

2. L-Arbitru ghamel apprezzament zbaljat tal-ligi meta ma qies li l-ilment kien frivolu u vessatorju skont artikolu 21(2)(c) tal-Kap. 555;

3 . L-Arbitru ghamel apprezzament zbaljat tal-ligi meta cahad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikoli 1222 u 2153 tal-Kap. 16. Fil-mori tal-proceduri tal-appell l-appellanti resqu eccezzjoni ulterjuri ta’ preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 billi qiesu li t-Tribunal iddecieda li tezisti relazzjoni kontrattwali bejn il-kontendenti;

4. L-Arbitru ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti u l-ligi meta warrab il-klawsola kompromissorja mill-kuntratt ta’ transazzjoni billi warrab l-oggett tal-kuntratt mentri zamm l-istess kuntratt fis-sehh u b’hekk holoq kuntratt differenti minn dak li riedu l-partijiet;

5. L-Arbitru ghamel apprezzament hazin tal-fatti u l-ligi meta ikkunsidra jekk l-ilmentatur kienx ‘experienced investor’ meta investa fil-fond u iddecieda li l-ilment kien ekwu, gust u ragonevoli;

6. L-Arbitru ghamel kalkolu hazin tal-ammont li ordna li jithallas.

**Konsiderazzjonijiet ta’ fatt u dritt dwar l-ewwel aggravju**

Din il-Qorti tibda billi tosserva li in linea generali l-fatti per se ma jirrizultawx kontestati. Il-mertu bejn il-partijiet hi l-interpretazzjoni tal-IR(v) (investment restriction). Jirrizulta li

- Il-La Valette Multi Manager Property Fund' (il-'Fond') kien stabbilit f' Settembru tal-2005 bhala sottofond tal-La Valette Funds SICAV plc (is-SICAV) u kien tajjeb biex jinbiegh lill-experienced investors;
- il-Valletta Fund Management Ltd. (VFM) u l-Bank of Valletta p.l.c. (BOV) kienu rispettivament il-Manager tal-amministrazzjoni generali tas-SICAV u tal-Fond filwaqt li l-BOV gie inkarigat bhala Custodian tasSICAV u tal-Fond;
- il-BOV kien ukoll intermedjarju, biegh u ta pariri lill-investituri tal-Fond, u kien inkarigat mid-distribuzzjoni tal-ishma fil-Fond. Insight Investment Management Ltd. kienu ingaggati mill-VFM bhala 'Sub-Investment Manager' sabiex ikunu jistghu jinvestu l-assi tal-Fond;
- dan il-Fond kien licenzjat mill-MFSA bhala fond li kellu jinbiegh bhala Professional Investor Fund (PIF) lill-investituri ta' esperjenza u dan skont il-ligijiet, regoli, kundizzjonijiet tal-licenzja u guidelines li ghandhom x'jaqsmu ma' investimenti ta' dan it-tip;

L-appellat kien meqjus bhala experienced investor li investa €3 4,053 .94 f'ishma fil-fond. Dan jirrizulta mid-dokumenti fl-atti iffirmati mill-istess appellat.

Skont is-Supplementary Prospectus tal-1 ta' Settembru 2005 u l-Prospetti Supplimentari l-ohra li segwewh (Dok. KF1 fol. 145 et seq. tal-process tal-Arbitru), l-ghan tal-Fond gie deskritt bhala wiehed li jinvesti fil-proprjeta biex jiggarantixxi lill-investituri tieghu dhul u tkabbir fil-kapital billi jinvesti f'fondi ohra ta' investimenti li jinvestu fil-proprjeta;

Skont l-istess Supplementary Prospectuses kien hemm diversi restrizzjonijiet, fosthom, restrizzjoni kif jinvestu li kienet taqra hekk:

> The limit on the level of gearing that the Fund's underlying real estate property funds may be exposed to is a maximum of 100% of their respective net assets. (Dok. KF1 fol. 156 tal-process tal-Arbitru).

F'2007 , il-prezz ta' kull sehem beda niezel. Fis-7 ta' Awwissu 2008, il-VFM infurmat lill-investituri li kien qed jigi sospiz il-fidi mill-Fond b'effett immedjat liema fidi baqa' sospiz sal-2010.

Fl-2010 saru laqghat ghall-investituri bl-iskop li jigu mwaqqfa 'Side Pocket' u 'Main Pool' li gew deskritti mid-Diretturi tas-SICAV bhala: is-Side Pocket li kien jinkludi dawk il-fondi li kien investa fihom il-Fond li kellhom "it-talbiet ta' fidwa sospizi jew differiti u/jew issospendew id-determinazzjoni tal-valur nett tal-assi'', filwaqt li fil-Main Pool iddahhlu "l-assi li kienu zammew livell sufficjenti. Din ir-restrizzjoni hija indikata bhala Investment Restriction (v) fil-Prospett Supplimentari originali tal-1 ta' Settembru 2005, u fi Prospetti Supplimentari ohra ta' wara b'eccezzjoni fis-Supplementary Prospectus tat-18 ta' Awwissu 2010, fejn hi mnizzla bhala Restrizzjoni Numru (vi).

L-azzjonisti inghataw ishma maghrufin bhala Side Pocket Shares u Main Pool Shares.

Il-Malta Financial Services Authority (MFSA), ir-regolatur tas-settur, dehrilha li kellha taghmel diversi inkjesti biex tistabbilixxi l-fatti u taghti dawk id-direzzjonijiet li kienet tista' taghmel skont il-ligi.

Filwaqt li kienu ghaddejjin inkjesti mill-MFSA, li kien ghadhom ma gewx konkluzi, il-BOV ghan-nom tieghu kif ukoll ghall-Grupp BOV inkluza l-VFM, ghamel dik li ssejhet Offerta sabiex jixtri l-ishma tal-investituri fil-Fond bil-prezz ta' €0.75 kull sehem. Din l-Offerta harget fis-26 ta' Mejju 2011 (Ittra mibghuta mic-Chairman tal-BOV f'isem il-Grupp BOV datata 26 ta' Mejju 2011), u l-investituri kellhom jiddeciedu jekk jaccettawhiex jew le sat-30 ta' Gunju 2011.

Din l-offerta kienet kondizzjonata fost affarijiet ohra li min jaccetta l-offerta (fil-kiaz tal-appellat li jigi rinborsat 75 fil-mija tal-valur inizjali tal-ishma mixtrija u l-BOV jerga' jixtri lura l-ishma b'dak il-prezz) kien qed jirrinunzja ghal kwalunkwe dritt legali li kellu jew seta' kellu kontra l-BOV.

L-appellat accetta l-offerta fit-23 ta' Gunju 2011 (ara Dok. 4 fol. 52 tal-process tal-Arbitru).

Fit-28 ta' Gunju 2011, jigifieri jumejn qabel ma ghalqet l-Offerta, l-MFSA, skont l-Artikolu 15 tal-Investment Services Act, harget direttiva lill-BOV li kienet tghid

li l-accettazzjoni tal-Offerta kellha tkun minghajr pregudizzju ghad-drittijiet li investituri seta' kellhom ghal kumpens jew, addirittura, li jigu mpoggija fis-sitwazzjoni finanzjarja li kellhom qabel ma ghamlu l-investiment fil-Fond (Media Release 3 /11/2011). Din id-Direttiva kienet giet appellata mill-BOV quddiem il-Financial Services Tribunal, pero, liema appell ma baqax jigi segwit.

Diversi ilmenti li kienu ghamlu l-investituri mal-MFSA kien ghadhom mhumiex decizi.

Sadanittant, sitt ijiem qabel ghalqet l-Offerta, jigifieri fl-24 ta' Gunju 2011, l-MFSA harget zewg rapporti dwar il-mod kif il-provedituri tas-servizz kienu investew il-flus tal-investituri in konnessjoni mar-restrizzjonijiet ta' investiment u dwar il-monitoragg tal-istess Fond.

F'dawn ir-rapporti, l-MFSA sabet li l-BOV u l-VFM kienu ikkommettew diversi nuqqasijiet.

Fir-rapport datat 24 ta Gunju 2011 (Report on the MFSA's investigation on the manner in which Bank of Valletta p.l.c. fulfilled its duties with regards to the monitoring of compliance with the La Valette Multi Manager Property Fund Investment Restrictions), li kien jittratta dwar l-obbligi li kellu l-BOV fil-monitoragg ta' compliance mal-Investment Restrictions inseriti fil-Prospetti Supplimentari, l-MFSA sabet diversi nuqqasijiet, fosthom, li:

i. il-BOV applika hazin l-Investment Restriction (v) tal-Prospetti Supplimentari u, ghalhekk, naqas mill-obbligi tieghu "of care and diligence required of Licence Holders with regard to their conduct of business";

ii. il-BOV naqas mir-responsabbiltajiet tieghu li jissorvelja li l-Fond jaderixxi mal-Investment Restriction (v) u, ghalhekk, ma mexiex mal-obbligu tieghu ta' "due care and diligence in the best interests of the Fund and its unit holders"; li l-BOV ma kellux procedura tajba (proper procedures) sabiex ikun jista' jissorvelja lill-VFM u Insight fil-Leverage Investment Restriction u ma kisibx informazzjoni bizzejjed sabiex ikun konfortat li l-Fond kien qed jigi, "managed in line with Investment Restriction (v) to enable accurate reporting in the

annual Custodian Report to unit holders”; li kellu deficjenzi fiz-zamma tar-records tieghu.

Minhabba dawn in-nuqqasijiet, l-MFSA imponiet multa amministrattiva fuq il-BOV ta’ €197 ,995.15.

Fir-rapport l-iehor dwar il-VFM, bl-istess data tal-24 ta’ Gunju 2011, l-MFSA sabet nuqqasijiet fil-qadi ta’ dmirijietha ghal dak li ghandu x’jaqsam mad-dmirijiet taghha ghall-osservanza tal-Investment Restrictions tal-Fond. Fost dawn in-nuqqasijiet, l-MFSA semmiet li l-VFM kienet applikat hazin l-Investment Restriction (v) u, ghalhekk, “having therefore fallen short of the level of care and diligence required’’ u kisret diversi regoli li kienu japplikaw ghaliha u ma kinetx agixxiet fl-interess tal-klijenti u tas-suq. Kellha wkoll deficjenzi biex tissindika kif kienu qed jinvestu l-fondi l-Insight li kien is-SubManager. L-MFSA immultat lill-VFM is-somma ta’ €149,821.

Il-BOV hareg Company Announcement li tghid li kien se jappella din id-decizjoni tal-MFSA. Pero, f’Company Announcement li hareg, sussegwentement, fit-18 ta’ Lulju 2011, il-Bank habbar li mhux ser jappella ghaliex kellu konkorrenza kbira ghall-Offerta u, flimkien mal-VFM, ma ridux itawwlu l-kwistjoni.

Ghalkemm il-Qorti ma tqis daqshekk rilevanti ghal fini ta’ dan l-aggravju, il-kwistjoni ma waqfitx hemm.

Ir-rapport l-iehor dwar prattici ta’ bejgh ta’ units fil-Property Fund, l-MFSA hargitu fit-22 ta’ Gunju 2012, kwazi sena wara li ghalqet l-Offerta.

L-MFSA sabet diversi nuqqasijiet fosthom: nuqqas ta’ pariri tajbin (inappropriate) lill-klijenti kif ukoll sabet prattici ta’ ‘misleading information’ lill-klijenti, kif ukoll ksur ta’ diversi regolamenti li jirregolaw it-thaddim tan-negozju applikabbli dak iz-zmien (Report on the MFSA investigation into the sales practices by Bank of Valletta p.l.c. of the La Valette MultiManager Property Fund).

Ghalhekk imponiet multa amministrattiva fuq il-BOV ta' €203 ,3 50. Il-Bank hallas il-multa u l-appell li kien ghamel quddiem it-Tribunal ghas-Servizzi Finanzjarji kontra parti minn din id-decizjoni gie irtirat mill-BOV minghajr ma accetta l-ebda responsabbilta legali.

Permezz ta' ittra tal-1 ta' Gunju 2012 (Ittra mid-Direttur Generali tal-MFSA lic-Chairman tal-BOV annessa bhala Exhibit 1 quddiem il-Financial Services Tribunal fil-kaz: BOV vs MFSA), l-MFSA infurmat lill-BOV li kienet se tigi appuntata kumpanija professjonali li tagixxi b'mod indipendenti sabiex, fost affarijiet ohra, kellha tikklassifika lill-investituri bhala dawk li kienu jikkwalifikaw bhala 'experienced investors' u ohrajn li ma kinux jikklassifikaw bhala 'experienced investors', bl-intenzjoni li min ikun eligibbli jithallas kumpens mill-BOV.

Giet appuntata id-ditta ta' Mazars, li r-rapport taghhom tlesta fil-21 ta' Jannar 2013 . L-MFSA ghaddiet lista ta' investituri li, skont dan ir-rapport, kellhom jinghataw kumpens, u l-BOV hallas lil dawk l-investituri li kienu eligibbli skont ir-rapport tal-Mazars.

Skont dawn il-kriterji gie deciz min kellu jinghata kumpens u min ma kellux jinghata kumpens. Minkejja li l-BOV kien nizzel fl-Offerta li din kienet tikkonkludi l-kaz ghal min jaccettaha, (in full and final settlement), xorta wahda ghamel hlasijiet lil diversi investituri skont il-kriterji li stabbilixxew il-Mazars.

Il-Bank of Valletta, f'isem il-Grupp, hallas din id-differenza lil numru ta' investituri, izda ohrajn li nstabu li kellhom 'l-esperjenza' jew li t-tranzazzjoni kienet fuq bazi ta' 'Execution Only' ma inghatawx id-differenza bejn dak li investew u l-ammont imhallas bl-Offerta jew minghajrha.

L-appellat fetah din il-procedura fit-23 ta' Gunju 2016 cioe wara li dahal fis-sehh il-Kap. 555 u fl-ilment tieghu ikkontenda li kellu jigi

kumpensat addizjonalment l-ammont ta' €0.25 ghal kull sehem ghax gie erronjament meqjus bhala 'experienced investor'.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi r-relazzjoni bejn l-appellant u l-appellat bhala provditur ta' servizzi finanzjarji u konsumatur nibtet meta l-appellat investa fil-fond liema relazzjoni baqghet tezisti tul l-andament tal-investiment b'obbligi u drittijiet reciproci, u dan sakemm l-appellat accetta l-offerta tal-BOV li jbiegh lura l-ishma li kellu fil-fond tal-BOV. Ghalhekk ma hemmx dubju li ghal fini ta' gurisdizzjoni l-appellat kien persuna eligibbli a tenur tal-Kap. 555.

Madankollu l-arbitru kellu jqis jekk jiehux konjizzjoni tal-ilment tenut kont tal-ftehim ta' transazzjoni li fil-fehma tal-Qorti kien wiehed car u inekwivoku u fit-tieni lok jekk il-Kap. 3 7 8 japplikax f'kaz ta' ftehim ta' transazzjoni.

Transazzjoni hi regolata taht it-Titolu XIII tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili. L-artikolu 17 18 jipprovdi:

> It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir.

Bla dubju, hekk kif jirrizulta mill-ittra tas-26 ta' Mejju 2011 (Dok. 2 fol. 3 4 tal-process tal-Arbitru), dan kien l-ghan ewlieni tal-Offerta li ghamel il-BOV lill-ilmentaturi, fosthom l-appellata:

> RIZOLUZZJONI PACIFIKA
> 11. Waqt li jishaq li hu jibqa' jzomm b' mod ferm il-pozizzjoni tieghu dwar l-IR(v) kif sostnuta mill-prattika internazzjonali tas-suq, il-BOV jemmen li, jekk hu possibbli li ssir, arrangament pacifiku u bikri ta' din il-kwistjoni hi l-aktar azzjoni idonea fl-interessi fit-tul tal-BOV, il-klijenti tieggu u l-investituri tal-Fond. Lalternattiva hi li l-BOV jikkontesta l-allegazzjonijet f' kull aspett u jiffaccja perjodu twil. probabbilment diversi snin, ta' litigazzjoni twila, antagonistika u kontenzjuza.
> ...
> 14. Fil-qosor ... il-Bord hu ta' l-opinjoni li rizoluzzjoni pacifika ta' din il-materja tkun fl-ahjar interess ta' kull min hu kkoncernat – l-investituri tal-Fond, il-Grupp BOV u l-azzjonisti tieghu, u ukoll ir-Regolatur. Il-Bord jemmen ukoll li litigazzjoni antagonistika fit-tul ma tkunx ta' vantagg ghall-ebda wahda mill-partijiet koncernati. B' mod specjali hu rikonoxxut li anke fil-kaz li jkun hemm determinazzjoni finali mhux favorevoli mill-Awtorita fuq wahda jew

> aktar millmaterji li qed ikunu nvestigati, waqt li l-BOV jista' jkun soggett ghal sanzjonijiet jew penali regolatorji, dan ikun ta' ftit jew xejn, konfort jew vantagg finanzjarju ghall-investituri milquta, li l-uniku triq li jkollhom (fin-nuqqas ta' rizoluzzjoni pacifika) biex jottjenu kumpens finanzjarju hi li jistitwixxu proceduri gudizzjarji ...
> 15. Hu ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Bord jemmen li hu idoneju li jressaq proposta bona fide sostantiva f'attentat li jfittex arrangament mal-azzjonisti tal-Fond, u li jindirizza l-kwistjonijiet b'manjiera pacifika u mhux kontenzjuza.

L-istess ittra tkompli:-

> QAFAS KONCETTWALI TAL-OFFERTA
> 17 . Fid-dawl ta' dan l-isfond generali, il-BOV zviluppa qafas ta' proposta komprensiva. Dettalji ta' din il-proposta jinsabu fid-dokument tal-Offerta anness ma' din l-ittra ...

Fl-ittra li biha l-Bank of Valletta plc ghamel l-offerta lill-investituri hemm stampat:

> THIS DOCUMENT CONTAINS A CONDITIONAL OFFER BEING MADE BY BANK OF VALLETTA P.L.C. TO ALL HOLDERS OF SHARES IN THE LA VALETTE MULTI MANAGER PROPERTY FUND AS AT THE 12th AUGUST 2008 ("ELIGIBLE SHAREHOLDERS") TO PURCHASE AND ACQUIRE ALL OF THE SHARES CURRENTLY IN ISSUE IN THE LA VALETTE FUNDS SICAV P.L.C. AND WHICH REPRESENT THE ASSETS OF THE LA VALETTE MULTI MANAGER PROPERTY FUND (THE "FUND"). THIS DOCUMENT DOES NOT CONSTITUTE A PROSPECTUS OR ANY FORM OF INVITATION TO PURCHASE ANY SECURITIES.
> BANK OF VALLETTA P.L.C.
> HEREBY MAKES A CONDITIONAL OFFER TO PURCHASE AND ACQUIRE FROM ELIGIBLE SHAREHOLDERS ALL THE 60,3 87 ,028 SHARES OF NO NOMINAL VALUE IN THE LA VALETTE MULTI MANAGER PROPERTY FUND A SUB-FUND OF THE LA VALETTE FUNDS SICAV P.L.C. AT AN OFFER PRICE OF €0.7 5 PER SHARE

Fir-rigward ta' kuntratt ta' transazzjoni, il-Kodici Civil jkompli jipprovdi:

> 17 25. Fit-transazzjoni ma jidholx hlief dak li hu l-oggett taghha: fir-rinunzja maghmula f'kuntratt ta' transazzjoni ghall-jeddijiet, azzjonijiet, u pretensjonijiet kollha, jidhol biss dak li jkollu x'jaqsam mal-kwistjonijiet li minhabba fihom tkun saret dik it-transazzjoni.
>
> 17 29.(1) It-transazzjoni ghandha, bejn il-partijiet, is-setgha ta' sentenza li ghaddiet f'gudikat.
> (2) Ma tistax tigi attakkata minhabba zball ta' ligi.

> 17 3 0.(1) Izda, transazzjoni tista' tigi rexxissa jekk ikun hemm zball dwar il-persuna li maghha sar il-ftehim, jew dwar il-haga li kienet l-oggett tal-kwistjoni li fuqha l-partijiet kellhom il-hsieb li jittransigu.
> (2) It-transazzjoni tista' tigi rexxissa kull meta jkun hemm ghemil doluz jew vjolenza.
>
> 17 3 1. Transazzjoni tista' wkoll tigi rexxissa meta, minhabba zball ta' fatt, tkun saret b'esekuzzjoni ta' titolu null, izda dan kemm-il darba l-partijiet ma jkunux irrangaw espressament fuq dik in-nullita.
>
> 17 3 2. It-transazzjoni maghmula fuq dokumenti li wara jinsabu foloz, hija nulla ghal kollox.

L-appellat ma talabx rexxisjoni tal-ftehim ta' transazzjoni izda semmai tibdil fih biex jigi avvantaggjat aktar minn dak li gie kumpensat fil-ftehim ta' transazzjoni billi jsostni li hu ma jikkwalifikax bhala 'experienced investor' skont ir-rapport li sar mill-BOV aktar minn sena wara t-transazzjoni.

Il-Qorti izzid qabel tkompli fuq l-aspett ta' transazzjoni illi t-Tribunal f'pagna 11 tad-decizjoni tieghu jsostni li r-relazzjoni guridika li inholqot bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz mhix wahda regolata esklussivament mill-Kap. 16 ghax fejn si tratta ta' relazzjoni bejn konsumatur u kummercjant japplikaw il-provvedimenti tal-Kap. 3 7 8 fejn jintuzaw espressjonijiet mhux gusti u jipprevalu fuq il-Kap. 13 u 16. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument billi r-relazzjoni tal-partijiet f'din il-vertenza mhix naxxenti mill-investiment li sar ghalkemm kien l-investiment li wassal ghal transazzjoni. Il-vertenza tirrigwarda t-transazzjoni li sehhet u mhix kuntratt ta' servizz kif irid il-Kap. 3 7 8 izda ftehim rizultanti minn offerta tal-bank li jixtri lura ishma minghand klijenti bi prezz offrut b'certi kondizzjonijiet li kellu l-ghazla li jaccetta jew jirrifjuta l-offerta li jbiegh a saldu ta' kull pretensjoni ohra. Il-Qorti tirreferi ghas-segwneti artikoli tal-Kap. 3 7 8 li jiccaraw din il-kwistjoni.

L-artikolu 44 tal-imsemmi Att jipprovdi kif gej:

> 44.(1) Ma jistghux jintuzaw f'kuntratti li jsiru mal-konsumatur espressjonijiet mhux gusti, jew espressjonijiet jew kombinazzjoni ta'

espressjonijiet li jkunu mhux gusti f'illi jkollhom bhala skop jew effett xi wiehed mill-iskopijiet u effetti msemmija fis-subartikolu (2), u kull espressjoni pprojbita kif hawn aktar qabel imsemmi li tiddahhal f'xi kuntratt li jsir mal-konsumatur ghandha titqies bhallikieku qatt ma tkun hekk iddahhlet.

Bhala definizzjoni ta' "konsumatur", fil-Kap. 3 7 8 jinghad imbaghad li hu:

kull individwu li fi transazzjonijiet u hwejjeg ohra koperti b'dan l-Att jew b'regolamenti maghmulin tahtu, jkun qed jagixxi ghal ghanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerc, negozju, sengha jew professjoni ...

Skont l-istess Kap. 3 7 8, "kuntratt ta' servizz" tfisser:

kull kuntratt li mhuwiex kuntratt ta' bejgh li abbazi tieghu n-negozjant iforni jew jimpenja ruhu li jforni servizz lill-konsumatur u l-konsumatur ihallas jew jimpenja ruhu li jhallas il-prezz ghal dan

Hekk ukoll skont l-istess ligi:

"kuntratt ta' bejgh" tfisser kull kuntratt li permezz tieghu n-negozjant jittrasferixxi jew jimpenja ruhu li jittrasferixxi l-proprjeta ta' oggetti lill-konsumatur u l-konsumatur ihallas jew jimpenja ruhu li jhallas il-prezz ta' dawn l-oggetti, kif ukoll kull kuntratt li ghandu bhala s-suggett tieghu kemm oggetti kif ukoll servizzi;

Dan jirrifletti dak li tipprovdi d-Direttiva tal-Kunsill 93 /13 dwar klawzoli ingusti f'kuntratti mal-konsumatur:

Artikolu 1

1. L-ghan ta' din id-Direttiva huwa li japprossima l-ligijiet, ir-regolamenti u ddisposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri relatati ma' klawzoli ingusti f'kuntratti konkluzi bejn bejjiegh jew fornitur u konsumatur.

2. Il-klawzoli kuntrattwali li jirriflettu disposizzjonijiet mandatorji statutorji jew regolatorji u d-disposizzjonijiet jew il-principji ta' konvenzjonijiet internazzjonali li ghalihom ikunu parti l-Istati Membri jew il-Komunita, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport, m'ghandhomx ikunu suggetti ghad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Ghall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "klawzoli ingusti" tfisser il-klawzoli kuntrattwali stabbiliti fl-Artikolu 3 ;

(b) "konsumatur" tfisser kull persuna naturali li, f'kuntratti koperti minn din idDirettiva, tkun qieghda tagixxi ghal skopjiet li jkunu barra s-sengha, in-negozju jew il-professjoni taghha;
(c) "bejjiegh jew fornitur" tfisser kull persuna naturali jew legali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qieghda tagixxi ghal skopijiet relatati mas-sengha, in-negozju jew il-professjoni taghha, sew jekk proprjeta pubblika u sew jekk propjeta privata.

Artikolu 3
1. Klawzola kuntrattwali li ma tkunx giet negozjata individwalment ghandha titqies ingusta jekk, kontra l-htiega ta' buona fede, tkun tikkawza zbilanc sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li johorgu mill-kuntratt, bi hsara ghall-konsumatur.

Ghalhekk hu car illi l-offerta u t-transazzjoni li sehhet bejn il-partijiet ma jidhlux fl-ambitu tal-Kap. 3 7 8.

L-iskop ta' transazzjoni hu sabiex wiehed jasal fi ftehim biex tinghalaq darba ghal dejjem kwistjoni li jkun hemm u l-konsegwenza naturali hi li tillimita li parti tkun skoperta wara li kwistjoni tkun giet miftehma bonarjament u bi qbil li tinghalaq darba ghal dejjem. Bir-ragunament u konkluzjoni tal-arbitru giet znatura l-kuncett u l-effett ta' transazzjoni billi eskluda parti mill-ftehim cioe l-prezz rivedut tax-xiri tal-ishma li ma kienx ancillari ghall-istess izda essenzjali ghall-oggett innifsu tal-ftehim. In oltre l-Qorti izzid illi l-appellat ghazel volontarjament jiffirma t-transazzjoni u l-bejgh tal-ishma bil-prezz offrut u dan qabel ma hareg ir-rapport tal-MFSA tat-28 ta' Gunju 2011. Seta kieku irid ma accettax l-offerta u ghazel toroq ohra legali kif ghamel haddiehor biex iressaq l-ilment tieghu. Seta' ha u ottjena pariri fuq il-proposta u hadd ma geghlu jaccettaha. Kien jaf bl-ilmenti quddiem l-MFSA u anki l-ittra mibghuta tas-26 ta' Gunju 2011 mill-BOV kien jidher car x'inhu l-ilment. Ma jistax jghid li gie ingannat, zvntaggjat jew pregudikat bl-offerta, u dan apparti li kif gia intqal l-appellat ma ha ebda passi biex jirrexxindi l-ftehim ta' transazzjoni, jekk qed jallega vizzju tal-kunsens minhabba zball, jew eghmil doluz tal-bank, konsistenti f'nuqqas ta' svelar ta' informazzjoni essenzjali biex jiehu decizjoni informata fuq it-transazzjoni proposta. Id-decizjoni tal-arbitru fil-fehma tal-Qorti taghti interpretazzjoni perikoluza fuq l-effetti ta' ftehim ta' transazzjoni bhal dan billi tkun qed taghti lok ghal abbuz fejn parti ghal ftehim tibqa' dejjem skoperta

nonostante dak li ghandu jitqies bhala gheluq definittiv ta' vertenza bi ftehim bonarju li ghandu l-effett tal-ligi bejn il-partijiet.

Dan kollu jwassal lil Qorti ghal konkluzjoni li l-appellat ma kellux interess guridiku fl-ilment propost quddiem l-arbitru u ghalhekk l-arbitru messu laqa' l-aggravju tal-appellant BOV li ma kellux kompetenza jisma l-ilment billi l-kwistjoni kienet transatta skont il-Kap. 16 sa mit-23 ta' Gunju 2011 u illi ghal kaz lanqas kien japplika l-Kap. 3 7 8 tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi qed jintlaqa' dan l-aggravju, il-Qorti mhix ser tqis l-aggravji l-ohra.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq, tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tal-Arbitru tat-12 ta' Settembru 2018 in kwantu tirreferi ghall-appellati, u tichad l-ilment li ghamlu bl-ispejjez kontrihom.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur